MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 2225/2000/1

**Jason Mizzi u b'nota tal-5 ta' Settembru 2006 l-Avukat Dottor Henry Antoncich LL.D. assuma l-atti tal-kawza monflok l-assenti Jason Mizzi**

**v.**

**Nikolai Borg Olivier, Oliver Giordano u Anthony Mangion**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Fl-4 ta’ Novembru, 2005 il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-sentenza fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija li, ghall-ahjar intendiment ta’ dan l-appell, qed tigi hawn riportata *in toto*:

“F’dik [recte: F’din] il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab meta aggredewh il-konvenuti.

“Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fil-5 ta’ Jannar 1996, f’San Ġwann, il-konvenuti sawtu lill-attur u ferewh b’daqqiet ta’ mazez fuq rasu. Bil-ġrieħi li ġarrab, l-atturi sofra danni, ukoll ta’ natura permanenti. Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-Qorti:

“1. tgħid illi l-konvenuti għandhom iwieġbu għall-ġrieħi li ġarrab l-attur fl-inċident tal-5 ta’ Jannar 1996, f’San Ġwann;

“2. tillikwida d-danni; u

“3. tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra uffiċjali tal-31 ta’ Jannar 2000.

“Il-konvenut Antoine Mangion ressaq l-eċċezzjoni illi hu ma ikkawża ebda danni lill-attur u ma għandux iwieġeb għal xi danni li l-attur ġarrab fl-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni; għalhekk it-talbiet ta’ l-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

“Il-konvenut Giordano ressaq l-eċċezzjoni illi hu la sawwat jew aggredixxa lill-attur u lanqas għamillu danni.

“Il-konvenut Borg Olivier, għalkemm notifikat bl-atti, ma ressaqx eċċezzjonijiet u ma deherx għas-smigħ tal-kawża, u lanqas għamel sottomissjonijiet għalkemm il-Qorti tagħtu fakoltà kif irid l-Art. 158(10) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

“Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

“L-attur kien qabbad lill-konvenuti Giordano u Mangion biex jagħmlu xi xogħol b’sub-appalt iżda ma ħallashomx għax il-perit li issorvelja x-xogħol baqa’ ma kejlux. Il-konvenuti fit-2 ta’ Jannar 1996 kienu marru għand l-attur f’Burmarrad u talbuh iħallashom. Jidher illi l-atteġġjament kien aggressiv għax il-partijiet ġew fl-idejn: l-attur qala’ daqqa ta’ martell fuq rasu u saritlu ħsara fil-karrozza, u hu fittex li jtajjar lill-konvenuti bil-karrozza. Ma kienx dan l-inċident li wassal għall-kawża.

“Tlitt ijiem wara, fil-5 ta’ Jannar 1996, il-konvenuti reġgħu marru jfittxu lill-attur, din id-darba fl-uffiċċju tiegħu f’San Ġwann. Din id-darba kellhom pjan maħsub. Ħadu magħhom tlett mazez, u l-konvenut Mangion ħa ħsieb li jagħti waħda lil kull wieħed miż-żewġ konvenuti l-oħra, u żamm waħda għalih. Daħlu fl-uffiċċju ta’ l-attur, Giordano u Borg Olivier fuq quddiem u Mangion fuq wara, bil-ħsieb li lill-attur iwaqqgħuh b’daqqiet ta’ mazza u jeħdulu l-flus mill-but. Fil-fatt lill-attur ħasduh u Giordano u Borg Olivier bdew isawtuh b’daqqiet ta’ mazza. Il-konvenut Mangion, li kien ta l-mazez lill-konvenuti l-oħra u kellu waħda hu wkoll, ma tax daqqiet lill-attur.

“Il-konvenuti wissew lill-*manager* tan-negozju ta’ l-attur u lir-*receptionist*, li kienu fuq il-post meta seħħ l-inċident, biex ma jindaħlux u mbagħad telqu u ħallew lill-attur mixħut ma’ l-art, mimli demm. Ir-*receptionist* u l-*manager* sejħu lill-pulizija u lill-ambulanza, u l-attur ittieħed l-isptar. Instab li kellu ġrieħi serji ħafna, fosthom ksur tal-għadam tal-kranju, u kellu wkoll isirlu intervent kirurġiku. Waqaf mix-xogħol għal disa’ xhur, u llum, kif irrelata l-espert mediku maħtur mill-Qorti, għandu debilità li ma jfieqx minnha ta’ sitta u erbgħin fil-mija (46%) minħabba fil-ġrieħi li ġarrab.

“Il-Qorti mingħajr ebda esitazzjoni tgħid illi l-konvenuti jaħtu għal dak li ġara u għalhekk għandhom iwieġbu għad-danni. Ma marrux għand l-attur biex jitolbuh ħlas bil-kelma t-tajba iżda marru armati biex jaggreduh u jieħdu l-liġi f’idejhom. L-inċident ta’ tlitt ijiem qabel kien urihom illi l-attur jaf jiddefendi ruħu u għalhekk marru bi pjan biex

jegħelbuh bin-numru, bl-armi u billi jaħsduh, u dan il-pjan seħħilhom.

“Il-konvenut Mangion fittex li jnaqqas il-ħtija tiegħu billi jgħid illi hu ma sawwatx lill-attur u ma għandux iwieġeb għall-inċident sempliċement għax inzerta kien fuq il-post. Mangion iżda ma kienx fuq il-post għax “inzerta” kien hemm, bħal ma inzertaw kienu hemm ir-*receptionist* u l-*manager*. Mar ma’ l-oħrajn bl-istess ħsieb, kien armat bħalhom u anzi kien hu li newlilhom l-armi, u kien biss għax il-post kien żgħir wisq biex lill-attur isawtuh tlieta f’salt illi ma tahx daqqa ta’ mazza hu wkoll.

“It-tliet konvenuti kienu kompliċi li mxew bl-istess ħsieb: li jinqdew bil-vjolenza biex lill-attur jeħdulu l-flus li dehrilhom li kellu jagħtihom. Għalhekk, għall-għanijiet ta’ responsabbiltà ċivili, ilkoll jaħtu u lkoll għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni, kif irid l-Art. 1049(1) tal-Kodiċi Ċivili:

“**1049**. (1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta’ dik il-ħara hija *in solidum*.

“Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

“L-attur kien jaħdem għal rasu, għalkemm in-negozju kien imexxih b’żewġ soċjetajiet, u kien ukoll iħaddem in-nies miegħu. Kien qiegħed ikabbar in-negozju u kien ħoloq it-tieni soċjetà biex jagħti servizz ta’ tiswijiet ta’ emerġenza lil min kien abbonat. In-numru ta’ abbonati kien qiegħed jiżdied, u r-rota kienet bdiet iddur. Fl-1993 kellu qligħ ta’ tlitt elef, sitt mija u ħamsin lira (Lm3,650), fl-1994 kellu qligħ ta’ erbat elef u għaxar liri (Lm4,010), li tela’ għal sebat elef erba’ mija u ħamsin lira (Lm7,450), jew sitt mija u għoxrin lira (Lm620) fix-xahar, fl-1995, l-aħħar sena sħiħa li ħadem qabel l-inċident. Fl-1996, billi l-inċident seħħ fil-5 ta’ Jannar ta’ dik is-sena u għamel disa’ xhur ma jaħdimx, l-attur ma kellux qligħ.

“Għall-għanijiet ta’ *lucrum cessans* f’dawk id-disa’ xhur, billi n-negozju kien għadu fil-bidu tiegħu, il-qorti sejra

taħdem fuq qligħ medju ta’ sitt mija u ħamsin lira (Lm650) fix-xahar, u l-qligħ mitluf f’disa’ xhur għalhekk jiġi ħamest elef, tmien mija u ħamsin lira (Lm5,850).

“Għall-għanijiet ta’ lucrum cessans fis-snin ta’ wara, il-Qorti tqis illi l-konvenut kellu ħamsa u għoxrin (25) sena meta korra, u għalhekk *multiplier* ta’ sebgħa u għoxrin (27) sena, kif talab l-attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu, huwa raġjonevoli u, anzi, x’aktarx konservattiv.

“Il-Qorti tqis ukoll illi n-negozju ta’ l-attur wera li kellu potenzjal tajjeb, tant illi l-qligħ kien qiegħed jiżdied regolarment minn sena għal oħra, u għalhekk qligħ medju ta’ tnax-il elf lira (Lm12,000) fis-sena huwa wkoll raġjonevoli.

“Meta tqis illi l-attur ibati minn debilità li ma jfieqx minnha ta’ sitta u erbgħin fil-mija (46%), il-qligħ mitluf f’sebgħa u għoxrin sena jiġi mija u disgħa u erbgħin elf u erbgħin lira (Lm12,000 GĦ 27 GĦ 46% = Lm149,040).

“Id-danni li ġarrab l-attur għalhekk jiġu, b’kollox, mija u erbgħa u ħamsin elf, tmien mija u disgħin lira (Lm154,890).

“Billi l-inċident issa ilu li seħħ ftit anqas minn għaxar snin, ma hux il-każ illi jsir xi tnaqqis talli l-attur sejjer idaħħal issa l-qligħ illi kieku kien idaħħal fil-ġejjieni.

“Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta’ l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tgħid illi flimkien jaħtu għall-inċident li fih weġġgħu lill-attur u għalhekk għandhom iwieġbu għad-danni, tillikwida d-danni li ġarrab l-attur fis-somma ta’ mija u erbgħa u ħamsin elf, tmien mija u disgħin lira (Lm154,890), u tikkundanna lill-konvenuti Borg Olivier, Giordano u Mangion flimkien *in*

*solidum* iħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża."

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-22 ta' Novembru, 1995 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tbiddilha dwar ir-responsabbilita` billi tikkonsidra l-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh u ghalhekk ir-responsabbilita` tigi mnaqqsa; u fit-tieni lok tibdilha dwar il-likwidazzjoni tad-danni billi tnaqqas l-ammont likwidat b'mod sostanzjali, jew f'nuqqas ta' provi konkreti dwar il-qliegh personali ta' Jason Mizzi, tillikwida ammont li jkun jaghmel aktar ghal kaz. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

L-attur appellat pprezenta risposta ghall-appell tal-konvenuti pero` peress li dan gie prezentat fuori termine, din il-Qorti mhix ser tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

**L-aggravji mressqa mill-konvenuti appellanti.**

Il-konvenuti appellanti qed jilmentaw mis-sentenza appellata billi jsostnu, bazikament, is-segwenti:

a) l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni d-diminuzzjoni ta' responsabbilita` rizultat tal-provokazzjoni gejja mill-attur;
b) id-danni likwidati ma humiex gustifikati u essenzjalment huma eccessivi billi:-

i. id-disabilita` fuq liema gie likwidat l-*lucrum cessans* hija komputata hazin;

ii. il-profitti tal-kupaniji ta' l-attur ma ghandhomx jirriflettu t-telf effettiv tieghu;

iii. il-medja ta' Lm12,000 bhala qliegh futur ghall-fini tal-*multiplier* mhux gustifikata.

**Ikkunsidrat:**

Dawn huma proceduri ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kkawzati f'incident li sehh fil-5 ta' Jannar, 1996 meta l-konvenuti hebbew ghall-attur u kkagunawlu griehi gravi u ta' natura permanenti. Jirrizulta li l-attur kien jiggestixxi kumpanija in konnessjoni ma' xoghlijiet tal-*gypsum* u fl-1995 kien ikkomunika mal-konvenuti Mangion u Giordano biex jahdmulu bhala *sub-contractors.* Intlahaq ftehim dwar prezzijiet u affarijiet ohra konnessi max-xoghol u bdew jigu ezegwiti xi xoghlijiet minnhom fuq istruzzjonijiet ta' l-attur, izda dawn waqfu mix-xoghol billi l-attur ma kienx qed ihallashom skond il-ftehim, u meta avvicinawh ghal hlas dejjem kien ighidilhom li kellu jmur ikejjel il-perit. Darba wahda marru jsibuh Burmarrad, fejn joqghod, u hemm sar xi diskors agitat u anke l-attur gie imbuttat. Dan izda dahal fil-karozza tieghu u saq ghal fuqhom u sahansitra laqghat lil Claudette Borg li kienet il-*girlfriend* tieghu. Xi granet wara il-konvenuti Mangion u Giordano, din id-darba akkompanjati mill-konvenut Borg Olivier, marru l-ufficju ta' l-attur, maghhom hadu mazzez, u hemm sehh l-incident li halla lill-attur korrut gravi bhala rizultat ta' diversi griehi li kellu.

Bhala rizultat ta' dan l-incident u l-griehi li sofra l-attur, huwa ma setax imur aktar ghax-xoghol ghal diversi xhur u finalment in-negozju tieghu sfaxxa. L-attur istitwixxa dawn il-proceduri biex il-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghall-offizi li huwa sofra u ghal-likwidazjoni u kundanna ghall-hlas tad-danni rizultanti.

L-ewwel Qorti, minghajr ezitazzjoni, sabet li l-konvenuti kienu responsabbli ghal dak li gara u ghalhekk kellhom iwiegbu ghad-danni u dan billi, kif osservat dik il-Qorti, il-konvenuti "*Ma marrux ghand l-attur biex jitolbuh hlas bil-kelma t-talba izda marru armati biex jaggreduh u jiehdu l-ligi f'idejhom."* Kien ghalhekk li, wara li hadet in konsiderazzjoni l-eta` tal-attur fid-data tal-incident, id-dizabilita` li huwa sofra u l-introitu prospettiv tieghu, ikkundannat lill-konvenuti *in solidum* ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm154,890 (illum €360,796.64) in linea ta' danni.

**Ikkunsidrat:**

F’dan l-appell il-konvenuti qed iressqu l-argument tal-provokazzjoni u s-suppost agitazzjoni tal-mohh taghhom, ghal dak li gara biex b’hekk ir-responsabbilita` taghhom tigi ridotta. Din is-sottomissjoni izda tidher li ma tirriflettix il-linja difenzjonali tal-konvenuti li fin-noti tal-eccezzjonijiet pprezentati minn Mangion u Giordano (Borg Olivier baqa’ kontumaci) fejn isostnu biss li ma ghandhom ebda responsabbilita` ghad-danni sofferti mill-attur, u fil-kaz ta’ Giordano sahansitra jsostni li huwa la sawwat u lanqas aggredixxa lill-attur.

Din il-Qorti izda, ezaminati l-atti, taqbel pienament mal-konkluzzjoni ta’ l-ewwel Qorti hawn fuq riportata billi fl-okkazzjoni meta l-attur gie aggredit ma kien hemm ebda provokazzjoni min-naha tieghu bhal ma kien gara xi granet qabel meta saq ghal fuqhom bil-karozza, u f’din l-okkazzjoni (cioe` meta effettivament tawh xeba) huma kienu “*marru bi pjan biex jeghelbuh bin-numru, bl-armi u billi jahsduh*…” Il-fatt li l-attur ma kienx hallas lill-konvenuti bl-ebda mod ma jiggustifika r-reazzjoni taghhom billi b’dan il-mod il-konvenuti mhux biss hadu l-ligi f’idejhom, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, talli marru armati bl-iskop li jikkagunawlu hsara fisika. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenuti qed jilmentaw ukoll mill-*quantum* tad-danni likwidati billi jsostnu li l-percentwali ta’ dizabilita` akkordat mhux gustifikat fic-cirkostanzi. B’risposta ghal din is-sottomissjoni din il-Qorti tosserva li ghalkemm il-konvenuti kellhom kull opportunita` li jikkontestaw dan l-aspett tal-kwistjoni permezz ta’ hatra ta’ periti perizjuri, l-istess konvenuti naqsu li jaghmlu dan u, konsegwentement, l-ewwel Qorti, ghalkemm mhux obbligata, kif irrilevaw il-konvenuti, li toqghod fuq r-rapport tal-espert minnha mahtur, kienet pienament gustifikata, fl-assenza ta’ prova kuntrarja, li tadotta rapport ta’ natura purament teknika. Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni ta’ l-ewwel Qorti f’dan l-aspett.

Qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti ma zammitx quddiem ghajnejha d-differenza bejn l-attur fil-kapacita` tieghu personali u s-socjetajiet minnu gestiti, billi qed jinghad li l-introitu tas-socjetajiet mhux necessarjament jirrifletti l-introitu ta' l-attur. Dwar dan jigi rilevat fl-ewwel lok li l-introitu li fuqu bbazat il-kalkoli taghha l-ewwel Qorti kien proprju dak ta' l-attur mehud mill-*Income Tax Returns* personali tieghu ghas-snin relevanti. Fit-tieni lok jidher li dak li certament hadet in konsiderazzjoni l-ewwel Qorti kien li la darba dawn is-socjetajiet kienu r-raguni ta' l-introitu ta' l-attur u la darba dan l-introitu kien qed jikber b'rata maghggla fuq firxa ta' tlett snin u, cioe` minn Lm3,650 fl-ewwel sena ghal Lm7,450 fl-ahhar sena li dawn operaw, kien mistenni li dan l-introitu jikber fuq firxa ta' sebgha u ghoxrin sena cioe` kemm kien il-*multiplier* akkordat. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------